**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 04 ta' Ottubru 2023**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 01/2022**

**Ir-Repubbblika ta` Malta**

**vs**

**Clayton McKay**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 01 tal-2022 kontra Clayton Mckay detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 0133993(M) akkużat:

i. **Fl-Ewwel Kap** talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tat- Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Illi di più, bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkużat Clayton Mc Kay irrenda ruħu reċediv wara li b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin, lakkużat instab ħati ta' diversi reati;

ii**. Fit-Tieni Kap** talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tat- Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.. Illi di più, l-akkużat Clayton Mc Kay rrenda ruħu reċediv stante illi permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati.

2. Rat in-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat Clayton Mckay fil-21 ta' Frar 2022.

**3**. Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Frar 2022 magħmula fit-termini tal-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali.

**4.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha filwaqt li laqgħet l-ħames eċċezzjoni preliminari, ċaħdet l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tminn u d-disa' eċċezzjonijiet preliminari.

**5.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużat Clayton Mckay fl-04 ta' April 2023 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti laqgħet il-ħames (5) eċċezzjoni tal-akkużat u fejn ċaħdet l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) eċċezzjonijiet sollevati minnu, tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u ċioe' fejn ċaħdet l-eċċezzjoni enumerata tnejn (2) u tilqa' tali eċċezzjoni.

**6**. Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentata fl-10 ta' Mejju 2023.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**9**. Illi l-uniku aggravju ntentat mill-appellant Clayton Mckay jikkonċerna dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kienet miċħuda it-tieni eċċezzjoni preliminari minnu sollevata u ċioe' fejn kien mitlub l-isfilz tad-dokumenti eżebiti konsistenti fi droga erojina u kokajina, u dan flimkien mal-isfilz tar-relazzjonijiet kollha relatati magħhom għar-raġuni illi, fil-fehma tiegħu, mhux biss ma ġiex segwit dak rikjest fl-Avviż Legali 121 tal-2002 meta d-droga mertu tal-każ inżammet taħt il-kustodja tar-Reġistratur tal-Qorti, iżda ukoll din l-inosservanza li d-droga tkun ikkustodita fit-termini ta' dawn ir-regolamenti mid-Direttur tas-Saħħa tagħti lok għal difett proċedurali serju dwar il-

kontinwita' ta' evidenza li hija ukoll difettuża talli illi tirrendi din il-prova inammissibbli.

**10**. Illi l-Qorti Kriminali ċaħdet din l-eċċezzjoni meta iddeċidiet:

**26. Il-kwistjoni legali allura hija jekk meta sar l-Avviż Legali, intiż kif kien li joffri għajnuna speċjalistika fil-kustodja tal-oġġetti eżebiti lir-Reġistratur, isegwix ukoll li r-Reġistratur bis-saħħa ta' dan l-Avviż Legali kienx b'dik il-ħatra ta' dawk il-persuni (li ġaladarba nominati bis-saħħa ta' Avviż Legali jindika li għandhom ukoll l-approvazzjoni tal-Ministru) ċeda b'mod ġenerali dak id-dover bażiku marbut mal-kustodja fiżika tal-oġġetti infushom f'kull każ li jkollu quddiemu b'mod li allura issa kull oġġett eżebit u li jkun meritu ta' dik id-delega jkun irid bilfors jiġi miżmum minn dak l-Uffiċjal Pubbliku hekk delegat u mhux iżjed mir-Reġistratur jew inkella jfissirx li anke jekk saret dik il-ħatra bis-saħħa ta' dak l-Avviż Legali jekk u meta r-Reġistratur jiddeċiedi li oġġett jew oġġetti partikolari jibqgħu jiġu kustoditi materjalment minnu hu ma jkunx bilfors marbut li jiddepożitah materjalment ma dak l-Uffiċjal Pubbliku speċifiku nominat fl-Avviż Legali.**

**27. Mit-test tal-Liġi nnifsu ma jirriżultax li r-Reġistratur ġie b'xi mod meħlus mill-obbligu tiegħu li jikkustodixxi l-oġġetti depożitati fil-Qorti. Il-Liġi prinċipali, ossija l-Kodiċi Kriminali xorta waħda baqa' jżomm dan l-oneru marbut mar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali. U bis-saħħa tal-Avviż Legali 121 tal-2002 ma jirriżulta minn imkien li ġiet stipulata xi konsegwenza legali jekk u meta r-Reġistratur, għal raġunijiet li jaf hu, jagħżel li ma jimxix mat-termini ta' dak l-Avviż Legali.**

**28. Bis-saħħa tal-Avviż Legali 122 tal-2002 il-Liġi kristallizzat il-ħatra mir-Reġistratur ta' dawk l-Uffiċjali Pubbliċi partikolari (u allura approvati mill-Ministru grazzi għall-pubblikazzjoni tal-ismijiet tagħhom fil-gazzetta in kwantu trattasi ta' Avviż Legali) bħala dawk li għandhom ikollhom il-kustodja fiżika tal-oġġetti jekk u meta r-Reġistratur jagħżel li ma jżommx l-oġġetti hu stess iżda li, għal xi raġuni jew oħra jqis li jkun jeħtieġ li dawn jiġu kustoditi minn xi ħadd minn dawn l-Uffiċjali Pubbliċi grazzji għall-ispeċjalizzazzjoni tagħhom.**

**29. Dan qiegħed jingħad in kwantu l-Liġi Principali, l-artikolu 669(2) tal-Kodiċi Kriminali jagħti s-setgħa lir-Reġistratur bl-approvazzjoni tal-Ministru, li jaħtar lil dawk il-persuni l-oħra biex iżommu dawk l-oġġetti. iżda fl-istess waqt dik il-Liġi ma ħelsitux mill-obbligu prinċipali tal-kustodja tal-istess oġġetti li xorta waħda baqgħet mansjoni u dmir inderogabbli tiegħu. L-oneru tal-kustodja xorta waħda baqa' inkombenti fuq ir-Reġistratur, bid-differenza pero li issa, grazzi għall-ħatra approvata tal-Uffiċjali Pubbliċi nominati, jekk u**

**meta r-Reġistratur jagħżel li għal xi raġuni jew oħra jkun jeħtieġ li oġġetti jiġu kustoditi materjalment f'post ieħor li ma jkunx il-Qorti, huwa issa marbut mhux li jirreferi bilfors, dejjem u f'kull każ l-oġġetti li jkunu ġew preżentati l-Qorti, iżda għandu s-setgħa li meta oġġetti jiġu eżebiti l-Qorti u huwa jqis li jeħtieġ, għal xi raġuni valida li dawk l-oġġetti jiġu miżmuma f'positijiet jew f'kundizzjonijiet partikolari u speċjalistiċi, huwa jkun jista' jirreferi dak l-oġġett lil dik il-persuna nominata fl-Avviż Legali bħala l-persuna maħtura minnu u debitament approvata millMinistru biex taqdi dik il-mansjoni f'isem ir-Reġistratur. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li r-Reġistratur irid bilfors, f'kull każ, jgħaddi dawk l-oġġetti lil dawn l-Uffiċjali Pubbliċi nominati.**

**30. B'hekk din il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-akkużat fejn dan jargumenta li kien hemm proċedura difettuża ta' ħażna illeġġittima tad-droga, oġġett ta' prova f'dawn il-proċeduri, u lanqas ma hemm evidenza li ġiet kompromessa l-kontinwita' tal-evidenza.**

**11.** L-appellant ma jaqbilx ma' din il-konkluzjoni milħuqa mill-Qorti Kriminali dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lir-regolamenti imħaddna fl-Avviż Legali 121 tal-2002. Dan għaliex fil-fehma tiegħu ġaldarba issir il-ħatra tal-Uffiċjal delegat biex jikkustodixxi l-eżebit, dak l-oġġett ma jistax iktar jinżamm mir-Reġistratur tal-Qorti. Iqis illi l-artikolu 667 tal-Kodiċi Kriminali, li fuqu straħet il-Qorti Kriminali fid-deċiżjoni tagħha meta saħħqet illi ir-Reġistratur tal-Qorti jibqa' dejjem responsabbli għal ħażna, ippreservar u kustodja tal-oġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri kriminali, jipprovdi eċċezzjoni għal din ir-regola meta jiddisponi illi dan għandu jsir "***bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjien ta' dan it-Titolu***", u allura għad-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 669 li jipprovdi illi:

**(1) Ir-reġistratur għandu jiżgura li l-oġġetti kollha lilukkunsinnati għandhom jiġu katalogati, maħżuna u preservati sew kif ukoll miżmuma f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur.**
**(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, ir-reġistratur jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġett jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista'jqis li jkun sew iżda l-ismijiet ta' dawk il-persuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.**

**12**. Dan is-sub-inċiż tal-liġi, fil-fehma tad-difiża, joħloq eċċezzjoni għar-regola ġenerali maħsuba fl-artikolu 667 tal-Kodiċi Kriminali, iktar u iktar meta dawn id-

disposizzjonijiet tal-liġi jinqraw flimkien ma' dak li jgħid l-Avviż Legali meta allura issir il-ħatra tal-kustodji hemmhekk indikati li jorbot lir-Reġistratur tal-Qorti li jara li l-oġġetti kollha eżebiti fil-proċeduri jkunu mgħoddija, ippreservati u kkustoditi minn dawn il-persuni hekk maħtura. Illi allura l-appellant jisħaq illi meta id-droga eżebita f'dan il-każ ma kenitx ikkustodita skont il-liġi seħħ difett proċedurali fil-kontinwita' tal-evidenza li jirrendi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex illi tagħmel permezz tad-droga eżebita, l-eżamijiet forensiċi fuqha u r-rapport tal-espert, inammissibbli.

**13**. Illi l-Avukat Ġenerali jilqa' għal dan l-aggravju meta jikkontendi s-sub-inċiż (2) għall-artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali jagħti id-diskrezzjoni lir-Reġistratur tal-Qorti jiddeċiedi jekk dawk l-oġġetti eżebiti fil-proċeduri kriminali jinżammux minnu jew inkella minn persuna oħra minnu delegata liema persuna iżżomm dawk l-oġġetti għan-nom tiegħu. F'dan il-każ, u ċioe' meta ir-Reġistraur jagħżel li jeżerċita din id-diskrezzjoni, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali, huwa għandu igħaddi dawk l-oġġetti lil persuni indikati fl-Avviż Legali u lil ħadd iktar billi dawn huma dawk il-persuni maħtura għal dan il-għan. F'dan il-każ l-Avviż Legali jindika illi f'każ ta' mediċini perikolużi, meta r-Reġistratur jagħżel li jeżerċita id-diskrezzjoni tiegħu li ma jżommx id-droga taħt il-kustodja tiegħu, allura din trid tinżamm mid-Direttur tas-Saħħa. Fl-aħħar mill-aħħar iżda, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali ir-responsabbilta' tal-kustodja tal-oġġetti kollha eżebiti fil-proċeduri kriminali taqa' fuq l-ispalla tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali tant illi meta jintemmu dawk il-proċeduri, id-distruzzjoni tal-imsemmija droga taqa' f'idejh tant illi jrid jirrediġi proċess verbal sabiex jiddokumenta din id-distruzzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**14**. Illi l-Avviz Legali 121 ta' l-2002[1], jiddisponi illi bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali, ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali nnomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm, f'ismu, mediċinali perikolużi. L-appellant jisħaq li f'dan il-każ il-kustodja tad-droga eżebita in atti ma kenitx fdata f'idejn id-Direttur tas-Saħħa u għalhekk kien hemm nuqqas ta' ottemperanza ma' dak imfassal fl-Avviż Legali u li minħabba f'hekk, dan l-eżebit għandu jitwarrab mill-atti, billi hemm ksur fil-katina tal-evidenza.

**15**. Illi l-artikolu 667 tal-Kodiċi Kriminali iqiegħed fuq l-ispalla tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali r-responsabbilita' li jżomm fil-kustodja tiegħu l-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali. Illi, mbagħad, l-Artikolu 669 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jqiegħed fuq l-ispalla tar-Reġistratur tal-Qorti id-dmir li jikkustodixxi l-oġġetti kollha li jiġu eżebiti fil-qorti, meta huwa għandu jara li dawk l-oġġetti lilu kkunsinnati jkunu katalogati, maħżuna u preservati f'post sigur kif jiġi stabbililt minnu. Il-liġi imbagħad tagħti is-setgħa lir-Reġistratur sabiex fid-diskrezzjoni tiegħu minflok iżomm dawk l-oġġetti hu, jaħtar persuna oħra kif approvat mill-Ministru sabiex jieħu f'idejh dawn l-eżebiti u jżommhom għan-nom tiegħu.

**16**. Illi, mid-diċitura tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali, senjatament mill-kelma "*jista*'", jirrizulta biċ-ċar li l-leġislatur kien qiegħed jagħti lir-Reġistratur tal-Qrati d-diskrezzjoni sabiex jaħtar persuna oħra biex iżomm oġġetti f'ismu. Li kieku l-leġislatur kien qed jimponi fuq ir-Reġistratur obbligu sabiex huwa jgħaddi ċerti oġġetti lill-entita' terza, ċertament li s-setgħa ma kenitx tkun waħda fakoltattiva iżda tassattiva. U allura l-Avukat Ġenerali għandu raġun meta jikkontendi illi għalkemm fir-regolamenti enkapsolati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.07 hemm indikati dawk il-persuni li għandhom iżommu l-oġġetti eżebiti fil-proċeduri kriminali, dawn jinżammu minnhom f'isem ir-Reġistratur tal-Qorti, li tibqa' f'idejh is-setgħa fuq l-

---

[1] Il-Leġislazzjoni Sussidjarja ma tagħmel ebda referenza ghal xi disposizzjoni tal-Kodiċi Kriminali li bis-saħħa ta'l-istess huma mfassla dawn ir-regolamenti.

imsemmija oġġetti, u dan f'dawk l-istanzi meta ir-Reġistratur fid-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi jagħżel illi jżomm dawk l-oġġetti f'post ieħor sigur barra mill-edifiċju tal-qorti.

**17**. Illi għalkemm meta ġie promulgat l-Avviż Legali 121 tal-2002 jidher li dan sar bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikolu 699 tal-Kodiċi Kriminali u kwindi saret id-delega lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-ministru responsabbli għal ġustizzja, biex jaħtar lil dawk in-nies li jistgħu jkunu fdati bl-oġġetti eżebiti fil-qorti, kuntrarjament għad-diċitura użata fil-Leġislazzjoni Sussidjara 9.07, ma jidhirx illi għalkemm hekk nominati mir-Reġistratur dawn l-oġġetti għandhom tassattivament jiġu ikkustoditi minn nies indikati fl-imsemmi avviż. Huwa id-dmir tar-Reġistratur li jara li jaderixxi ruħu ma' dak dispost fl-artikoli 667 sa 669 tal-Kodiċi Kriminali li jpoġġi fuq spallejh l-ħarsien u il-kustodja tal-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali u dan sabiex jiġi assigurat illi l-prova ma tikkontaminax ruħha. Finalment jiġi rilevat illi ebda Avviż Legali ma jista' iġib miegħu tibdil fil-liġi prinċipali li b-saħħa tagħha isiru r-regolamenti u kwindi huwa r-Reġistratur tal-Qorti li finalment jibqa' l-kustodju ewlieni ta-oġġetti kollha eżebiti fil-qorti in konnessjoni ma' proċeduri kriminali.

**18.** Illi l-appellant imbagħad huwa tal-fehma illi ġaldarba kien hemm nuqqas ta' osservanza ma' dawn ir-regolamenti allura l-evidenza ġiet ikkontaminata għaliex ma hemmx kontinwita' fil-katina ta'l-evidenza tali li tirrendi dina l-prova u l-eżamijiet forensiċi li saru fuqha inammissibbli. Illi l-ewwel ħolqa fil-katina tal-evidenza sseħħ meta, f'dan il-każ taħt il-lenti tal-qorti li jitratta reati dwar pussess aggravat ta' droga, tiġi misjuba dik id-droga mill-investigatur, bit-tieni ħolqa tkun dak il-mument li d-droga tkun elevata u mneħħija mill-pussess tas-suspettat. Minn hawn l-uffiċjal tax-xena tar-reat irid jara li din tkun minnu ssiġġillata, kkustodita u ikkatalogata sakemm tkun mgħoddija lill-espert tal-qorti għall-eżamijiet forensiċi. L-aħħar ħolqa fil-katina tinħoloq meta l-espert igħaddi lura dik l-evidenza lil qorti. Minn hawn jitwieled id-dmir fil-qorti

li dik l-evidenza tiġi ppreservata u kkustodita sal-mument meta jintemmu l-proċeduri kriminali. Din il-mansjoni ta' kustodja hija fdata f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali. Dan ifisser illi ma jistax jkun hemm ksur fil-katina tal-evidenza li b'xi mod tista' tikkontamina l-evidenza li trid issir permezz tal-oġġett eżebit mill-mument li din l-evidenza tgħaddi f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti jekk il-prova li trid temerġi tkun diġa' saret bl-analiżi mill-espert maħtur għal dan il-għan, iktar u iktar meta ma jidhirx mill-atti illi xi parti fil-proċeduri tkun qed tqiegħed fid-dubbju l-konkluzjonijiet forensiċi u xjentifiċi milħuqa mill-espert. Illi l-appellant ma jistax iqanqal din l-eċċezzjoni fl-arja, iżda trid issir b'referenza għal provi li ġew ikkumpilati u jrid jindika fejn, fil-fehma tiegħu, din l-evidenza ġiet ikkontaminata *in ispece* meta kien ir-Reġistratur li żamm d-droga eżebita fil-kustodja tiegħu minflok għaddieha lid-Direttur tas-Saħħa.

**19**. Illi dawn il-fatturi, fil-fehma tal-Qorti, jolqtu aktar is-saħħa probatorja ta' dik l-evidenza u mhux daqstant l-ammissibbbilita' tal-istess, fatturi li finalment iridu jemerġu mill-provi waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta imbagħad ikun fdat f'idejn il-ġurija popolari l-apprezzament ta' dik il-evidenza u dana wara id-debita direzzjoni mill-Imħallef sedenti il-ġuri. L-*iter* li segwew dawn l-eżebiti mill-mument li ġew misjuba fil-pussess tal-appellant, sa meta ġew elevati, mgħoddija lill-espert tal-qorti, analiżżati sakemm fl-aħħar sabu ruħhom f'ħoġor il-qorti, tkun trid tiġi determinata waqt il-ġuri u mhux qabel, sabiex tkun stabbilita l-kontinwita' tal-evidenza u allura jekk din b'xi mod setax kienet kontaminata tant illi tilfet is-saħħa probatorja tagħha. Illi, allura, anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha tagħti raġun lill-appellant illi l-oġġetti ma ġewx ikkustoditi mir-Reġistratur kif trid il-liġi, dan il-fatt ma jeradikax mill-ammissibbilita' tal-analiżi magħmula mill-espert tal-qorti jekk jirriżulta illi sal-mument li saret l-analiżi u kien stabbilit il-kwalita' u il-kwantita tas-sustanza illeċita ma kienx hemm xi kontaminazzjoni fl-istess, kif ilmentat mill-appellant, u dan għaliex sal-mument li ġie stabbilit l-valur probatorju ta'l-oġġetti elevati dawn ma għaddew qatt f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali sabiex ikompli is-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**